

Dikjarazzjoni



Translations proofread by EDPB Members.

This language version has not yet been proofread.

Dikjarazzjoni dwar l-implikazzjonijiet tal-privatezza fil-fużjonijiet Adottata fid-19 ta' Frar 2020

Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data adotta d-dikjarazzjoni li ġejja:

L-EDPB innota li Google LLC għandu l-intenzjoni li jakkwista lil Fitbit, Inc.

Hemm tħassib li l-kombinazzjoni ulterjuri possibbli u l-akkumulazzjoni ta' *data* personali sensittiva fir-rigward ta' persuni fl-Ewropa minn kumpanija teknoloġika importanti tista' tinvolti livell għoli ta' riskju għad-drittijiet fundamentali tal-privatezza u tal-protezzjoni tad-*data*.

L-EDPB preċedentement iddikjara li huwa essenzjali li jiġu vvalutati l-implikazzjonijiet aktar fit-tul għall-protezzjoni tad-drittijiet ekonomiċi, għall-protezzjoni tad-*data* u tal-konsumatur kull meta tiġi proposta fużjoni sinifikanti¹.

Għaldaqstant, f'konformità mal-prinċipju ta' responsabbiltà, l-EDPB jfakkar lill-partijiet fil-fużjoni proposta dwar l-obbligi tagħhom skont il-GDPR, u biex iwettqu b'mod trasparenti valutazzjoni kompleta tar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-*data* u tal-implikazzjonijiet tal-privatezza fil-fużjoni.

L-EDPB iħeġġeġ ukoll lill-partijiet biex itaffu r-riskji possibbli tal-fużjoni fuq id-drittijiet tal-privatezza u għall-protezzjoni tad-*data* qabel ma jinnotifikaw il-fużjoni lill-Kummissjoni Ewropea. Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data se jikkunsidra l-implikazzjonijiet li din il-fużjoni jista' jkollha għall-protezzjoni tad-*data* personali fiż-Żona Ekonomika Ewropea u huwa dispost biex jagħti l-parir tiegħu dwar il-fużjoni proposta lill-Kummissjoni jekk jintalab jagħmel dan.

¹ Id-dikjarazzjoni tal-EDPB dwar l-impatti fuq il-protezzjoni tad-*data* tal-konċentrazzjonijiet ekonomiċi, adottata fis-27 ta' Awwissu 2018, disponibbli fuq: https://edpb.europa.eu/our-work-tools/our-documents/autre/statement-edpb-data-protection-impacts-economic-concentration_mt.

L-EDPB se jkompli jkun vigilianti f'dan il-każ u f'każijiet simili fil-futur.

Għall-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*

Il-President

(Andrea Jelinek)